V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Settembru 2017 – Intel Corp. vs Il-Kummissjoni Ewropea, Association for Competitive Technology, Inc., Union fédérale des consommateurs – Que choisir (UFC – Que choisir)**

**(Kawża C-413/14 P)** ([1])

***("Appell — Artikolu 102 TFUE — Abbuż minn pożizzjoni dominanti — Tnaqqis għal fedeltà — Ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni — Regolament (KE) Nru 1/2003 — Artikolu 19)***

(2017/C 374/02)

*Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Intel Corp. (rappreżentanti: D. Beard QC, A. Parr u R. Mackenzie, solicitors)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Christoforou, V. Di Bucci, M. Kellerbauer u N. Khan, aġenti), Association for Competitive Technology Inc. (rappreżentanti: J.-F. Bellis, avukat), Union fédérale des consommateurs – Que choisir (UFC – Que choisir)

**Dispożittiv**

1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Ġunju 2014, Intel vs Il-Kummissjoni (T-286/09, EU:T:2014:547), hija annullata.*

2) *Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.*

3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

([1]) ĠU C 295, 10.11.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-7 ta' Settembru 2017 – Ir-Repubblika Franċiża vs Carl Schlyter, il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja**

**(Kawża C-331/15 P)** ([1])

***(Appell — Dritt ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — It-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) — Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti — Protezzjoni tal-għanijiet ta' attivitajiet ta' investigazzjoni — Direttiva 98/34/KE — Artikoli 8 u 9 — Opinjoni ddettaljata tal-Kummissjoni Ewropea dwar abbozz ta' regolament tekniku — Rifjut ta' aċċess)***

(2017/C 374/03)

*Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: D. Colas, G. de Bergues, B. Fodda u F. Fize, aġenti)